MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2010

Numru. 880/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**KONTRA**

**PAUL FALZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Falzon ta’ 20 sena, bin John Mary u Maria Concetta nee’ Cassar, mwieled Pieta’ nhar id- 9 ta’ Lulju 1990, residenti Blokk 4, Flat no. 12, Triq id- Deheb Fin, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 345690(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' diversi bnadi f' dawn il- Gzejjer bejn l- 20 ta' Lulju 2010 u d- 19 ta' Awwissu 2010, b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminjiet differenti, li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda u cioe;

1) talli gewwa B' Bugia nhar id- 19 ta' Awwissu 2010, f' xi hin bejn is- 1.00pm u t- 3.30pm, waqt li kien qieghed il- Bajja s- Sabiha, kkommetta serq ta' 6 basktijiet b' kontenut ta' diversi oggetti fosthom tlett mobile phones, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37 u dan sar ghad- dannu ta' Celine Marie Azzopardi, Chantelle Mifsud, Kimberley Debono, Gracianne Gialanze', Brenda Agius u Katia Monreal u/ jew persuni ohra;

2) talli gewwa B' Bugia nhar il- 5 ta' Awwissu 2010 f' xi hin bejn is- 1.00pm u l- 4.00pm waqt li kien qieghed il- Bajja s- Sabiha, kkommetta serq ta' basket b' kontenut ta' diversi oggetti fosthom mobile phone ta' kulur iswed tal- ghamla Sony Erricson, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa , kwwalifikat bil- valur li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2329.37 u dan sar ghad- dannu ta' Gina Cutajar u/ jew persuni ohra;

3) talli gewwa b' bugia nhar il- 25 ta' Lulju 2010 f' xi hin bejn l- 4.00pm u l- 4.30pm waqt li kien qieghed il- Bajja s- Sabiha, ikkommetta serq ta' basket b' kontenut ta' diversi oggetti fosthom mobile phone ta' kulur iswed tal- ghamla LG KS 360, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37 u dan sar ghad- dannu ta' Josmar Zahra u/ jew persuni ohra;

4) talli gewwa B' Bugia nhar l- 10 ta' Awwissu 2010, f' xi hin bejn is- 7.30am u t- 7.45am waqt li kien qieghed l- Bajja s- Sabiha, ikkommetta serq ta' portmoni minn go

basket b' kontenut ta' €10 u oggetti ohra u dan sar ghad- dannu ta' Maria Brincat u/ jew persuni ohra;

5) Talli gewwa B' Bugia nhar is- 7 ta' Awwissu 2010 ghall- habta tat- 8.35am waqt li kien qieghed l- Bajja s- Sabiha, kkommetta serq ta' back pack b' kontentut ta' diversi oggetti fosthom mobile phone ta' kulur iswed tal- ghamla Samsung 1700, flus kontanti u oggetti ohra u dan sar ghad- dannu ta' Neil Marlow u/ jew perusni ohra;

6) Talli gewwa B' Bugia nhar it- 28 ta' Lulju 2010, f'xi hin bejn is- 6.00pm u s- 7.00pm waqt li kien qieghed il- Bajja s- Sabiha, kommeta serq ta' mobile phone ta' kulur iswed tal- ghamla Nokia 5300 minn gewwa basket u dan sar ghad- dannu ta' Andrea Zarb u/ jew persuni ohra;

7) Talli gewwa B'Bugia nhar is- 27 ta' Lulju 2010 f' xi hin bejn is- 1.00pm u s- 2.00pm, waqt li kien qieghed il- Bajja s- Sabiha, kkommetta serq ta' basket b' kontenut ta' hwejjeg u dan sar ghad- dannu ta' Yusuf Abdi Hure u/ jew perusni ohra;

8) Talli gewwa B' Bugia nhar l- 20 ta' Lulju 2010 f' xi hin wara it- 2.45pm waqt li kien qieghed il- Bajja s- Sabiha, kkommetta serq ta' basket b' kontenut ta' diversi oggetti fosthom mobile phone ta' kulur iswed tal- ghamla Nokia 6120 Classic, flus kontanti u oggetti ohra u dan sar ghad- dannu ta' François Borg u/ jew perusni ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 261, 267, 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation ai terminu tal- Artikolu 28 G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------